KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fl-24 ta' April 2008 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-qorti tar-rinviju f'din il-kawża tistaqsi jekk id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard [ħlas tardiv] fi tranżazzjonijiet kummerċjali (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2000/35") [2] tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali abbażi ta' liema l-eżekuzzjoni furzata tal-krediti mhux ikkontestati tista' ssir fil-konfront tal-awtorità pubblika biss wara l-iskadenza ta' terminu ta' 120 jum mid-data tan-notifika tat-titolu eżekuttiv lill-awtorità pubblika.

2. Din il-kwistjoni qamet fil-proċedura eżekuttiva mressqa quddiem it-Tribunale civile di Roma (it-Tribunal Ċivili ta' Ruma) mill-kumpannija Caffaro s.r.l. (iktar 'il quddiem "Caffaro") kontra l-Azienda Unità Sanitaria Locale RM/C (iktar 'il quddiem l-"USL"), abbażi ta' titolu eżekuttiv miksub minn Caffaro skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali li ttrasponiet id-Direttiva 2000/35 fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

1 — Lingwa oriġinali: is-Sloven.

2 — ĠU L 200, p. 35.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

3. Ir-raba' premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

"Fid-29 ta' Mejju 1997 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali adotta opinjoni dwar il-Karta l-Ħadra tal-Kummissjoni dwar Akkwist Pubbliku fl-Unjoni Ewropea: Nesploraw it-triq għal quddiem […]"

4. Il-ħames premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

"Fl-4 ta' Ġunju 1997 il-Kummissjoni ppubblikat pjan ta' azzjoni għal suq wieħed, li jenfasizza li ħlas tard jirrappreżenta ostakolu serju li dejjem qiegħed jikber għas-suċċess tas-suq wieħed".

5. Is-seba' premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

"Piżijiet tqal amministrattivi u finanzjarji huma mqiegħda fuq in-negozji, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju, bħala riżultat tal-perjodi eċċessivi ta' ħlas u ħlasijiet tard [ħlas tardiv]. Barra dan, dawn il-problemi huma l-kawża prinċipali għall-fallimenti li jheddu l-ħajja tan-negozji u jirriżultaw f'telf numeruż ta' impjiegi".

6. Id-disa' u l-għaxar premessi tad-Direttiva 2000/35 jipprovdu:

"(9) Id-differenzi bejn ir-regoli u l-prattiċi tal-ħlas fl-Istati Membri jikkostitwixxu ostaklu għall-iffunzjonar xieraq tas-suq intern.

(10) Dawn għandhom l-effett li jillimitaw konsiderevolment tranżazzjonijiet kummerċjali bejn l-Istati Membri. Din hija f'kontradizzjoni ma' l-Artikolu 14 tat-Trattat billi intraprendituri għandhom ikunu jistgħu jinnegozjaw mas-suq intern kollu taħt kondizzjonijiet li jiżguraw li operazzjonijiet li jsiru fil-fruntiera bejn pajjiż u ieħor ma jinvolvux riskji akbar mill-bejgħ domestiku. Tgħawwiġ fil-kompetizzjoni jsegwi jekk regoli sostanzjalment differenti japplikaw għall-operazzjonijiet domestiċi u dawk li jsiru fil-fruntiera bejn pajjiż u ieħor".

7. Il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

"Din id-Direttiva tiddefinixxi biss l-espressjoni 'titolu ta' infurzar [titolu eżekuttiv]' iżda ma tirregolax il-proċeduri varji għall-eżekuzzjoni furzata ta' dak it-titolu u l-kondizzjonijiet li taħthom eżekuzzjoni furzata ta' dak it-titolu tista' titwaqqaf jew tiġi sospiza".

8. It-tnejn u għoxrin premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

“Din id-Direttiva għandha tirregola t-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha irrispettivament ta’ jekk jitwettqux bejn intrapriżi privati jew pubbliċi jew bejn intrapriżi privati u awtoritajiet pubbliċi, waqt li jingħata kont tal-fatt li dawn ta’ l-aħħar jimmaniġġjaw volum konsiderevoli ta’ ħlasijiet linnegozju. Għandha għalhekk tirregola wkoll it-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha bejn il-kuntratturi prinċipali u dawk li jipprovdulhom u s-sottokuntratturi”.

“5) ‘titolu ta’ infurzar [titolu eżekuttiv]’tfisser kull deċiżjoni, sentenza jew ordni għall-ħlas maħruġ minn xi qorti jew awtorità kompetenti oħra, sew għall-ħlas immedjat jew għall-ħlas bin-nifs, li jippermetti lill-kreditur li jkollu t-talba tiegħu kontra d-debitur miġbura permezz ta’ eżekuzzjoni furzata, għandha tinkludi deċiżjoni, sentenza jew ordni għall-ħlas li hija proviżżorjament enforzabbli u li tibqa’ hekk wkoll jekk id-debitur jappella kontra tagħha”

9. It-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi:

11. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/35 bl-isem “Proċeduri ta’ rkupru għal talbiet [krediti] mhux kontestati”, jipprovdi dan li ġej:

“L-Artikolu 5 ta’ din id-Direttiva jeħtieġ li l-proċedura biex jiġu rkuprati talbiet [krediti] mhux kontestati jiġu mitmuma f’perjodu qasir ta’ żmien b’konformità mal-leġislazzjoni nazzjonali, iżda ma jeħtieġx li l-Istati Membri jadottaw xi proċedura speċifika jew li jemendaw il-proċeduri eżistenti legali tagħhom b’mod speċifiku”.

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li titolu infurzabbli jista’ jinkiseb, irrispettivament mill-ammont tad-dejn, normalment fi żmien 90 jum kalendarju wara li tinbeda l-azzjoni tal-kreditur jew applikazzjoni filqorti jew awtorità kompetenti oħra, sakemm id-dejn jew aspetti oħra tal-proċedura ma jkunux disputati. Dan id-dover għandu jitwettaq mill-Istati Membri b’konformità mal-leġislazzjoni, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi nazzjonali rispettivi tagħhom.

10. L-Artikolu 2(5) tad-Direttiva 2000/35, li tiegħu l-Artikolu 2 fih it-tifsiriet, jipprovdi:

2. Il-leġislazzjoni, regolamenti u disposizzjonijiet amministrattivi nazzjonali rispettivi

għandhom japplikaw l-istess kondizzjonijiet għall-krediturі kollha li huma stabbiliti fil-Komunità Ewropea.

3. Il-perjodu ta' 90 jum kalendarju riferit fil-paragrafu 1 m'għandux jinkludi dan li ġej:

(a) il-perjodi biex jiġu servuti d-dokumenti;

(b) kull dewmien kawżat mill-kreditur, bħal perjodi użati għall-korrezzjoni ta' l-applikazzjonijiet.

4. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Brussel dwar ġurisdizzjoni u nfurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali" [3].

3 — Fil-verżjoni kkonsolidata ppubblikata fil-ĠU C 27, p. 3.

12. L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/35 jipprovdi dan li ġej:

"L-Istati Membri jistgħu jżommu jew iġibu fis-seħħ disposizzjonijiet li jkunu l-iktar favorevoli għall-kreditur mid-disposizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva".

B — *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

13. Id-Direttiva 2000/35 ġiet implementata fl-ordinament Taljan permezz tad-digriet leġiżlattiv tad-9 ta' Ottubru 2002, Nru 231 (iktar 'il quddiem id-"digriet leġiżlattiv Nru 231/2002") [4]. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/35 ġie implementat permezz tal-Artikolu 9 tad-digriet leġiżlattiv Nru 231/2002, li emenda diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljana [5], sabiex titħaffef il-proċedura għall-kisba tat-titolu eżekuttiv għall-irkupru ta' krediti mhux ikkontestati.

4 — Digriet leġiżlattiv tad-9 ta' Ottubru 2002, Nru 231, GURI Nru 249, tat-23 ta' Ottubru 2002. Għad-duttrina ara, pereżempju, Kindler, P., Umsetzung der EG-Zahlungsverzugsrichtlinie in Italien, Recht der Internationalen Wirtschaft, Nru 4/2003, p. 241.

5 — Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, GURI Nru 253, tat-28 ta' Ottubru 1940, kif emendat.

14. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li fl-Italja l-proċedura għall-kisba ta' titolu eżekuttiv skont l-Artikolu 641 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili tiżvolġi bis-segwenti mod: ladarba jiġi ppreżentat ir-rikors, il-qorti tagħti digriet fi żmien tletin ġurnata fejn tikkundanna lid-debitur biex iħallas id-dejn. In-notifika ta' dan id-digriet issir f'madwar għaxart ijem. Id-digriet għandu jipprovdi li d-debitur huwa obbligat li jħallas fi żmien erbgħin jum jew inkella li huwa għandu l-istess terminu ta' żmien sabiex iressaq oppożizzjoni. Jekk id-debitur f'dak it-terminu ma jressaqx oppożizzjoni jew ma jħallasx id-dejn, wara li jiskadi dan it-terminu l-kreditu jikseb it-titolu eżekuttiv għall-eżekuzzjoni furzata tal-kreditu rikonoxxut. Il-kreditur li jkollu l-intenzjoni li jagixxi b'mod eżekuttiv għandu jinnotifika t-titolu eżekuttiv lid-debitur.

15. Dispożizzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-eżekuzzjoni furzata fil-konfront ta' awtoritajiet pubbliċi jinsabu fid-Digriet Liġi tal-31 ta' Diċembru 1996, Nru 669 [6] (iktar 'il quddiem id-"Digriet Liġi Nru 669/1996"), li ġie emendat bil-Liġi tat-28 ta' Frar 1997, Nru 30 [7], u mill-Artikolu 147 tal-Liġi tat-23 ta' Diċembru 2000, Nru 388 [8] (iktar 'il quddiem il-"Liġi 388/2000"). L-Artikolu 147 tal-Liġi Nru 388/2000 issostitwixxa t-terminu għal posponiment tal-eżekuzzjoni minn 60 għal 120 jum. L-Artikolu 14 tad-Digriet Liġi Nru 669/1996, li ġie emendat bl-artikolu 147 tal-Liġi Nru 388/2000, jipprovdi hekk:

"L-awtoritajiet tal-Istat u l-entitajiet pubbliċi mhux ekonomiċi għandhom ilestu l-proċeduri għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet ta' qrati jew ta' korpi ta' arbitraġġ li jkollhom effikaċja eżekuttiva u li jkollhom l-obbligu ta' ħlas ta' somom ta' flus f'terminu ta' mija u għoxrin ġurnata min-notifika tat-titolu eżekuttiv. Qabel dan it-terminu l-kreditur m'għandux dritt jgħaddi għall-eżekuzzjoni furzata fil-konfront ta' dawn l-awtoritajiet u entitajiet imsemmijin, u lanqas ma jistgħu jsiru atti eżekuttivi".

III — Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

16. Il-kreditriċi, Caffaro, fetħet quddiem it-Tribunale ordinario di Roma kawża għall-eżekuzzjoni furzata fil-konfront tal-USL abbażi ta' kreditu mhux ikkontestat relatat ma tranżazzjoni kummerċjali. Fil-kawża quddiem il-qorti nazzjonali l-kreditriċi kisbet it-titolu eżekuttiv skont id-Digriet Liġi Nru 231/2002 li implementa d-Direttiva 2000/35

6 — Digriet Liġi tal-31 ta' Diċembru 1996, Nru 669, GURI Nru 305 tal-31.12.1996.

7 — Liġi tat-28 ta' Frar 1997, Nru 30, GURI Nru 50 tal-1.3.1997.

8 — Liġi tat-23 ta' Diċembru 2000, Nru 388, GURI Nru 302 tad-29.12.2000, — Suppliment ordinarju 219.

fl-ordinament Taljan. It-titolu eżekuttiv ġie nnotifikat lid-debitriċi fis-6 ta' Diċembru 2004. L-eżekuzzjoni furzata saret permezz ta' qbid ta' somom ta' flus li d-debitriċi kellha fil-Banca di Roma, u għalhekk it-titolu eżekuttiv ġie nnotifikat, dejjem f'dik id-data, anki lil dan tal-aħħar. Fuq talba tad-debitriċi l-qbid sar fl-4 ta' April 2005 u fl-istess ħin, f'dik id-data, t-taħrika ġudizzjarja ġiet innotifikata lid-debitriċi u lill-Banca di Roma.

17. Fis-seduta tat-13 ta' Ġunju 2006, iffissata fil-kuntest ta' proċedura eżekuttiva, ġew mitlubin jidhru l-kreditriċi, id-debitriċi kif ukoll il-Banca di Roma, li kellu somom ta' flus tad-debitriċi. Matul is-seduta l-Banca di Roma kkonferma li kellu għandu somom ta' flus li kienu tad-debitriċi u ddikjara li dawn is-sommom kienu ġew suġġetti għall-qbid. Matul l-istess seduta l-qorti tar-rinviju sostniet li l-qbid kien sar qabel l-iskadenza tat-terminu ta' 120 ġurnata min-notifika tat-titolu eżekuttiv, terminu stabbilit li jrid jgħaddi biex ikun hemm eżekuzzjoni fil-konfront tal-korpi tal-awtoritajiet pubbliċi. Il-qorti sostniet ukoll li skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali l-qbid seta' jiġi ddikjarat null.

18. Meta sostniet dan, il-qorti tar-rinviju kellha dubbji dwar kemm id-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tipprovdi li l-eżekuzzjoni kontra l-awtorità pubblika tista' ssir biss wara li jiskadi t-terminu ta' 120 jum min-notifika tat-titolu eżekuttiv lill-awtorità pubblika, hija konformi mad-Direttiva 2000/35. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet, permezz tad-digriet tal-21 ta' Mejju 2007, li tissospendi il-proċeduri u tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari. Il-qorti nazzjonali ma fformulatx id-domanda espressament, madankollu abbażi tad-dikjarazzjonijiet kollha tagħha d-domanda tista' tiġi ddefinita b'dan il-mod:

"Id-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar il-ġlieda kontra ħlas tardiv fi tranżazzjonijiet kummerċjali, għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 14 tad-Digriet Liġi Nru 669/1996, li bis-saħħa tiegħu l-kreditur, li jkollu t-titolu eżekuttiv għal ħlas mhux ikkontestat dovut minn awtorità pubblika bħala remunerazzjoni ta' tranżazzjoni kummerċjali, ma jistax jitlob l-eżekuzzjoni furzata fil-konfront tal-imsemmija awtorità qabel ma jiskadi terminu ta' 120 jum li jibda jidekorri min-notifika tat-titolu eżekuttiv lil din l-awtorità?".

IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Id-digriet tar-rinviju wasal fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Ġunju 2007. Matul il-proċeduri bil-miktub, ġew ippreżentati

noti ta' osservazzjonijiet min-naħa ta' Caffaro, tal-Gvern Taljan u tal-Kummissjoni. Fis-seduta li nżammet fit-13 ta' Marzu 2008 Caffaro, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni għamlu t-trattazzjoni tagħhom u rrispondew id-domandi tal-Qorti tal-Ġustizzja.

V — L-argumenti tal-partijiet

20. *Caffaro* ssostni li l-leġiżlazzjoni nazzjonali in kwistjoni, li biha l-eżekuzzjoni furzata tal-krediti mhux ikkontestati tista' tinbeda fil-konfront tal-awtorità pubblika biss wara l-iskadenza ta' terminu ta' 120 jum mid-data tan-notifika tat-titolu eżekuttiv lill-awtorità pubblika, tmur kontra d-Direttiva 2000/35. Fil-fehma tagħha, it-terminu ta' 90 jum biex jinkiseb it-titolu eżekuttiv stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 2000/35 jitlef, għalhekk, is-sinjifikat tiegħu. Hija tosserva li, skont l-Artikolu 1 tagħha, id-Direttiva 2000/35 tapplika "għall-ħlasijiet kollha magħmula bħala remunerazzjoni għal tranżazzjonijiet kummerċjali", u preċiżament — kif jirriżulta mit-tnejn u għoxrin premessa tagħha — "għandha tirregola t-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha irrispettivament ta' jekk jitwettqux bejn intrapriżi privati jew pubbliċi jew bejn intrapriżi privati u awtoritajiet pubbliċi, waqt li jingħata kont tal-fatt li dawn tal-aħħar jimmaniġġjaw volum konsiderevoli ta' ħlasijiet lin-negozju". Peress li l-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata tittratta b'mod differenti l-persuni privati u l-persuni pubbliċi din tmur, skont Caffaro, kontra l-għan u l-istruttura tad-Direttiva 2000/35.

21. Il-*Gvern Taljan* josserva li d-Direttiva 2000/35 ma tistabbilixxix it-terminu li fih it-talba tal-kredituri mogħtija fit-titolu eżekuttiv għandha tiġi sodisfatta, b'tali mod li interpretazzjoni ta' din id-Direttiva fis-sens li tinkludi l-fażi ta' eżekuzzjoni ma tkun tmur biss kontra s-sinjifikat letterali tagħha iżda wkoll kontra l-għan tagħha. Mill-Artikolu 5 u mit-tlieta u għoxrin premessa tad-Direttiva 2000/35 jirriżulta li hija tirreferi biss għall-proċedura tal-ksib tat-titolu eżekuttiv u mhux għall-fażi suċċessiva tal-eżekuzzjoni. Anki mid-definizzjoni ta' titolu eżekuttiv ipprovduta fl-Artikolu 2 mhuwiex possibbli li wieħed jiddeduċi li l-kreditur għandu jkollu l-possibbiltà li jissodisfa minnufih it-talba tiegħu. Skont il-Gvern Taljan il-projbizzjoni li jkun hemm l-eżekuzzjoni fil-konfront tal-awtorità pubblika qabel l-iskadenza tat-terminu ta' 120 jum min-notifika tat-titolu eżekuttiv jista' jinftiehem bħala sospensjoni tal-eżekuzzjoni furzata skont il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva in kwistjoni. Il-Gvern Taljan josserva wkoll li anki jekk id-Direttiva 2000/35 tapplika għal dan il-każ, hija ma tmurx kontra l-leġiżlazzjoni nazzjonali li hija in kwistjoni fil-kawża prinċipali. Din il-leġiżlazzjoni hija, skont il-Gvern Taljan, ammissibbli minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali u dan minħabba li l-għan tal-posponiment tal-eżekuzzjoni fil-konfront tal-awtorità pubblika jikkonsisti f'li din tal-aħħar tingħata biżżejjed żmien biex tiggarantixxi l-mezzi finanzjarji meħtieġa għall-ħlas tad-debiti, biex jiġi evitat li l-proċeduri ta' eżekuzzjoni furzata jostakolaw l-attività tal-awtorità pubblika.

22. Il-*Kummissjoni* l-ewwel nett teżamina l-problema tal-ammissibbiltà tad-domanda

preliminari u tgħid li d-domanda hija ammissibbli. Fil-fehma tagħha, il-proċedura eżekuttiva tista' tidħol fost il-proċeduri fejn il-qorti tiddeċiedi kwistjoni u tagħti sentenza ta' natura ġudizzjarja skont l-Artikolu 234 KE, għalkemm dik il-proċedura mhijiex intiża biex tiddetermina l-eżistenza ta' dritt speċifiku, imma l-għan tagħha jikkonsisti f'li jiġi eżegwit dritt li jkun jeżisti diġà. Fil-każ ta' qbid ta' somom ta' flus li d-debitur għandu ma' terzi, il-qorti ta' eżekuzzjoni tikkonkludi l-proċedura eżekuttiva bil-ħruġ ta' digriet li permezz tiegħu hija tagħti s-somom ta' flus fil-pussess tat-terz lil kreditur preċedenti (digriet ta' assenjazzjoni tal-kreditu). Skont il-Kummissjoni, dan id-digriet jirrappreżenta deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja. Il-qorti nazzjonali għandha dejjem taċċerta wkoll jekk fl-eżekuzzjoni tal-qbid ġewx irrispettati r-rekwiżiti proċedurali kollha. F'każ ta' irregolarità, il-qbid jista' jiġi ddikjarat null permezz ta' deċiżjoni li wkoll hija, min-naħa tagħha, ta' natura ġudizzjarja.

23. Fir-rigward tad-domanda preliminari nnifisha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-leġiżlazzjoni Taljana in kwistjoni mhijiex konformi mad-Direttiva 2000/35. Din id-Direttiva tirreferi għat-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha, irrispettivament millfatt li dawn isiru bejn impriżi u awtoritajiet pubbliċi u, għalhekk, ma jistax jiġi rriżervat trattament privileġġjat għallentitajiet pubbliċi. Barra minn hekk, skont il-Kummissjoni, it-terminu għall-kisba tat-titolu eżekuttiv jitlef is-sinjifikat tiegħu jekk il-kreditur, wara li jkun kiseb it-titolu eżekuttiv, ikollu jistenna 120 jum ieħor għalleżekuzzjoni. Hija tirrileva li l-għan tad-Direttiva huwa dak li jiġi assigurat li l-kreditur jkun jista' jipproċedi minnufih bl-eżekuzzjoni furzata ladarba jkun kiseb it-titolu eżekuttiv.

VI — L-evalwazzjoni tal-Avukat Ġenerali

A — *Fuq l-ammissibbiltà*

24. Skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex jiġi evalwat jekk il-korp li qed jagħmel ir-rinviju għandux il-karatteristiċi ta' qorti fis-sens tal-Artikolu 234 KE, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tqis numru ta' fatturi, bħall-kwistjoni ta' jekk il-korp huwiex stabbilit mil-liġi, il-permanenza tiegħu, in-natura obbligatorja tal-ġurisdizzjoni tiegħu, il-fatt li l-korp japplika regoli ta' dritt [9], kif ukoll l-indipendenza u l-imparzjalità tiegħu [10]. Barra minn dan, jkun hemm biss il-kunċett ta' qorti nazzjonali skont l-Artikolu 234

9 — F'dan is-sens ara s-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 1966, Vaassen-Göbbels, 61/65, Ġabra p. 377; tas-17 ta' Settembru 1997, Dorsch Consult, C-54/96, Ġabra p. I-4961, punt 23 u tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson, C-506/04, Ġabra p. I-8613, punt 48.

10 — F'dan is-sens ara s-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 1987, Pretore di Salò vs X, 14/86, Ġabra p. I-2545, punt 7; tal-21 ta' April 1988, Pardini, 338/85, Ġabra p. 2041, punt 9; tad-29 ta' Novembru 2001, De Coster, C-17/00, Ġabra p. I-9445, punt 17, u tad-19 ta' Settembru 2006, Wilson, C-506/04 Ġabra p. I-8613, punt 48.

KE jekk quddiem din il-qorti jkun hemm pendenti kwistjoni u jekk hija tkun ġiet mitluba tiddeċiedi fil-kuntest ta' proċedura li hija intiża li twassal għal deċiżjoni ta' natura ġudizzjarja jew għal deċiżjoni definittiva fil-kwistjoni [11]. Il-problema tal-ammissibbiltà li tqum f'din il-kawża tikkonsisti f'li jiġi stabbilit jekk huwiex possibbli li jiġi kkunsidrat li qorti nazzjonali tista', f'din il-kawża, tiddeċiedi fi proċedura intiża li twassal għal deċiżjoni definittiva fil-kwistjoni permezz ta' deċiżjoni li jkollha natura ġudizzjarja.

25. F'dan il-każ partikolari l-eżekuzzjoni saret abbażi ta' mandat ta' eżekuzzjoni mogħti fi proċedura speċjali mħaffa ta' eżekuzzjoni (procedimento di ingiunzione) [12]. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta b'mod ċar li jekk it-talba għal deċiżjoni preliminari issir fi proċedura bħall dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, dik id-domanda tkun ammissibbli [13]. Fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li, għall-finijiet tad-definizzjoni ta' qorti skont l-Artikolu 234 KE, in-natura kontradittorja tal-proċedura li biha tkun adita l-qorti nazzjonali mhijiex rilevanti [14]. Il-qorti nazzjonali tista' tagħmel it-talba għal deċiżjoni preliminari indipendentement mill-istadju tal-kawża mressqa quddiema [15].

26. Għalhekk, id-domanda preliminari hija ammissibbli.

B — *Evalwazzjoni tad-domanda preliminari*

27. F'din il-kawża l-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-Direttiva 2000/35 tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, li abbażi tagħha l-eżekuzzjoni furzata tal-krediti mhux ikkontestati tista' ssir fil-konfront tal-awtorità pubblika biss wara li jkun skada terminu ta' 120 jum li jibda jiddekorri mid-data

11 — Digriet tal-5 ta' Marzu 1986, Unterweger, C-318/85, Ġabra p. 955, punt 4; sentenzi tad-19 ta' Ottubru 1995, Job Centre, C-111/94, Ġabra p. I-3361, punt 9; tat-12 ta' Novembru 1998, Victoria Film, C-134/97, Ġabra p. I-7023, punt 14; tat-30 ta' Novembru 2000, Österreichischer Gewerkschaftsbund, C-195/98, Ġabra p. I-10497, punt 25.

12 — Il-proċedura ta' inġunzjoni hija rregolata mill-Artikoli 633 sa 656 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Taljan (Codice di Procedura Civile, GURI Nru 253 tat-28 ta' Ottubru 1940, kif emendat). Fuq din il-proċedura ara b'mod partikolari lil G. Franco, *Guida al procedimento di ingiunzione*, it-Tielet Edizzjoni, Giuffrè Editore, Milano 2001.

13 — Sentenzi tal-21 ta' Frar 1974, Birra Dreher, C-162/73, Ġabra p. 201, punt 3; tat-28 ta' Ġunju 1978, Simmenthal, 70/77, Ġabra p. 1453, punt 9; tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio, 199/82, Ġabra p. 3595, punt 8; tal-15 ta' Diċembru 1993, Ligur Carni *et*, C-277/91, C-318/91 u C-319/91, Ġabra p. I-6621, punt 16; tat-3 ta' Marzu 1994, Eurico Italia *et*, C-332/92, C-333/92 u C-335/92 Ġabra p. I-711, punt 11 u tas-17 ta' Mejju 1994, Corsica Ferries, C-18/93, Ġabra p. I-1783, punt 12.

14 — Sentenzi Eurico Italia *et*, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 11 Corsica Ferries, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 12, u Job Centre, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11 punt 9. Fid-duttrina, ara, pereżempju, B. Wegener, C. Calliess, M. Ruffert, (editur), EUV/EGV. *Das Verfassungsrecht der Europäischen Union mit Europäischer Grundrechtecharta*. Kommentar, 3 Edizzjoni, Beck, Munich 2007, kumment għall-Artikolu 234 KE, p. 2062, nota 52.

15 — Sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1971, Politi, 43/71, Ġabra p. 1039, punt 5; Birra Dreher, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 3; Simmenthal, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punti 8 sa 9; tad-9 ta' Novembru 1983, San Giorgio, C-199/82, Ġabra p. 3595, punt 8. Fid-duttrina ara C. Gaitanides, H. von der Groeben, J. Schwarze, (editur), *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft*, 6 Edizzjoni, Nomos, Baden-Baden 2003, 4 volum, kummentarju għall-Artikolu 234 KE, p. 1405, punt 53.

tan-notifika tat-titolu eżekuttiv lill-awtorità pubblika. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kreditur ikun jista' jikseb titolu eżekuttiv għall-irkupru ta' krediti mhux ikkontestati u dan, normalment, fi żmien 90 jum minn meta l-kreditur ikun ressaq ir-rikors tiegħu. Għalhekk dan l-artikolu jistabbilixxi t-terminu għall-kisba tat-titolu eżekuttiv, filwaqt li ma fih l-ebda dispożizzjoni dwar il-fażi li tiġi wara. Għalhekk tqum il-kwistjoni dwar jekk il-fażi ta' wara l-kisba tat-titolu eżekuttiv tistax taqa taħt il-kompetenza Komunitarja. Fl-analiżi tiegħi, l-ewwel nett ser nittratta l-problema dwar it-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri fil-kuntest tad-Direttiva 2000/35, u wara dan ser ngħaddi għall-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tagħha.

1. It-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri fil-kuntest tad-Direttiva 2000/35.

28. Id-Direttiva ma twettaqx armonizzazzjoni tar-regoli kollha relatati mad-dewmien fil-ħlas tat-tranżazzjonijiet kummerċjali, iżda hija tirregola, bil-kontra ta' dan, biss ċerti aspetti tal-prevenzjoni ta' tali dewmien, jiġifieri bħall-imgħax fil-każ ta' ħlas tard (Artikolu 3), ir-ritenzjoni tat-titolu (Artikolu 4) u l-proċeduri ta' rkupru għal krediti mhux ikkontestati (Artikolu 5) [16]. Għaldaqstant id-Direttiva tikkostitwixxi armonizzazzjoni minima [17] fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħlas tardiv, u għalhekk f'diversi dispożizzjonijiet tagħha tirreferi għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali.

29. Ir-raġuni għaliex id-Direttiva 2000/35 tarmonizza biss parzjalment il-mekkaniżmi biex jiġi evitat id-dewmien fil-ħlasijiet hija dovuta għall-fatt li l-Komunità mhijiex kompetenti fl-oqsma mhux armonizzati mid-Direttiva. F'dan ir-rigward, it-tnax-il premessa tipprovdi li din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb funzjonament aħjar tas-suq intern u li hija ġiet adottata fl-osservanza tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Konsegwentement huwa importanti li fl-interpretazzjoni ta' din id-Direttiva ma jinqabżux il-limiti ta' kompetenza tal-Komunità.

30. Fil-ġurisprudenza tagħha l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ffissat il-limiti ta' kompetenza tal-Komunità fl-oqsma rregolati fid-Direttiva 2000/35. Pereżempju fil-kawża

16 — Ara s-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-302/05, Ġabra p. I-10597, punt 23.

17 — Ara f'dan is-sens is-sentenza tas-26 ta' Ottubru 2006, Il-Kummissjoni vs L-Italja, iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 24, il-Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Maduro f'Telecom vs Deutsche Telekom, ippreżentati fit-18 ta' Ottubru 2007, (C-306/06, Ġabra p. I-1923, punt 35) u s-sentenza tat-3 ta' April 2008, Telecom vs Deutsche Telekom (C-306/06, Ġabra p. I-1923, punt 21). Fid-duttrina ara lil P. Mengozzi, *I ritardi di pagamento nelle transazioni commerciali. L'interpretazione delle norme nazionali di attuazione delle direttive comunitarie*, Cedam, Padova 2007, p. 1 sa 4.

l-Kummissjoni vs L-Italja [18], fir-rigward tal-Artikolu 4(1) ta' din id-Direttiva, li jirregola r-ritenzjoni ta' titolu, hija ddeċidiet li dan l-Artikolu jistabbilixxi biss il-possibbiltà li l-bejjiegħ u x-xerrej jiftehmu fuq klawżola ta' ritenzjoni ta' titolu qabel il-konsenja tal-beni u l-possibbiltà li l-bejjiegħ iżomm il-proprjetà tal-beni sakemm isir il-ħlas kollu [19], filwaqt li ma tirregolax il-kwistjoni ta' jekk il-klawżola ta' ritenzjoni għandhiex tkun ikkonfermata f'kull fattura individwali tal-provvisti suċċessivi li jkollhom data ċerta [20]. Fil-kawża QDQ Media [21], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li m'għandhiex effett orizzontali, id-Direttiva 2000/35 ma tistax, minnha nnifisha, tiġi kkunsidrata bħala l-bażi tal-obbligu li jittieħdu inkonsiderazzjoni l-ispejjeż dovuti għall-intervent ta' avukat favur kreditur f'proċedura ġudizzjarja għall-irkupru ta' kreditu, jekk dak l-obbligu m'huwiex stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali. L-Avukat Ġenerali Maduro jgħid mod ieħor fil-kawża Telecom vs Deutsche Telecom [22] fejn sostna li fir-rigward tal-Artikolu 3(1)(ċ) (ii) tad-Direttiva 2000/35, li jirregola id-dritt tal-kreditur għall-imgħaxijiet minħabba d-dewmien, il-problema tat-tqassim tal-kompetenza ma tqumx minħabba li dan l-Artikolu ma fih l-ebda referenza għal-liġijiet nazzjonali tal-Istati Membri [23].

31. L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35, minbarra li huwa d-dispożizzjoni ewlenija li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tinterpreta f'din il-kawża, huwa fundamentali wkoll f'dak li jirrigwarda t-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri. L-importanza tal-kwistjoni dwar it-tqassim tal-kompetenza tirriżulta diġà mill-evoluzzjoni ta' dan l-artikolu. Fil-proposta oriġinali tad-Direttiva 2000/35 [24], l-Artikolu 5 kien jipprovdi li l-Istati Membri għandhom "jiżguraw l-applikazzjoni ta' proċeduri mħaffa ta' rkupru għall-krediti mhux ikkontestati" [25]. Fil-proċedura ta' kodeċiżjoni il-Kunsill osserva li l-Komunità m'għandiex il-kompetenza li tobbliga lill-Istati Membri jintroduċu proċedura ġdida għall-irkupru ta' krediti mhux ikkontestati [26]. Madankollu, billi dik id-dispożizzjoni kienet madankollu ta' importanza fundamentali fil-ġlieda kontra l-ħlas tardiv fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, il-Kunsill talab li tiġi emendata b'mod li l-Istati Membri

18 — Sentenza iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16.

19 — *Ibid.*, punt 29.

20 — *Ibid.*, punt 31. Fid-duttrina ara, pereżempju, lil C. Montfort, *Opposabilité de la clause de réserve et propriété, Revue Lamy droit des affaires*, Nru 14/2007, p. 59.

21 — Sentenza tal-10 ta' Marzu 2005, (C-235/03, Ġabra p. I-1937).

22 — Konklużjonijiet iċċitata iktar 'il fuq.

23 — *Ibid*, punt 35. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza tat-3 ta' April 2008 f'Telecom vs Deutsche Telekom (C-306/06, Ġabra p. I-1923) ma tirriferixxix espressament għal dan; hija tosserva biss, fil-punt 21, li d-Direttiva 2000/35 ma tirrappreżentax armonizzazzjoni sħiħa tar-regoli fil-qasam tal-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali.

24 — Proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tard fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, COM(1998) 126 finali (ĠU 1998 C 168, p. 13). It-test analogu tal-Artikolu 5 jinsab ukoll fl-emenda għall-proposta ta' din id-Direttiva COM(1998) 615 finali (ĠU 1998 C 374, p. 4).

25 — Fid-duttrina ara, pereżempju, A. Knapp, *Das Problem der bewußten Zahlungsverzögerung im inländischen und EU-weiten Handelsverkehr, RabelsZ*, n. 63/1999, p. 327.

26 — Pożizzjoni Komuni (KE) Nru 36/1999 definita mill-Kunsill fid-29 ta' Lulju 1999, minħabba l-adozzjoni tad-Direttiva 1999/…/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi tranżazzjonijiet kummerċjali (ĠU 1999 C 284, p. 1), punt (V) tal-motivazzjoni. Fid-duttrina ara fuq il-pożizzjoni komuni G. Lardeux, *La lutte contre le retard de paiement dans les transactions commerciales: position commune du Conseil no 36/1999 du 29 juillet 1999 en vue de l'adoption d'une directive concernant la lutte contre le retard de paiement dans les transactions commerciales*, La semaine juridique. Entreprise et affaires, Nru 35/2000, p. 1318.

ma jkunux obbligati jintroduċu fid-dritt nazzjonali proċedura ġdida għall-irkupru ta' krediti mhux ikkontestati, imma kellhom jiżguraw biss, fil-kuntest tal-proċeduri li jeżistu diġà, li l-kreditur ikun jista' jikseb it-titolu eżekuttiv, normalment, fi żmien 90 jum mill-preżentazzjoni tar-rikors [27].

32. Id-Direttiva 2000/35 tifforma parti mil-leġiżlazzjoni Komunitarji li taffetwa l-proċeduri eżekuttivi tal-Istati Membri [28]. Fuq livell Komunitarju diġà ġew adottati diversi leġiżlazzjonijiet li għandhom l-istess effett: ir-Regolament tal-Kunsill, ir-Regolament Nru 805/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal talbiet [krediti] mhux kontestati [29] u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1896/2006, tat-12 ta' Diċembru 2006, li joħloq proċedura għal ordni ta' ħlas Ewropea [30]. Il-leġiżlazzjoni ċċitata hija effettiva biss fil-konfront ta' proċeduri ta' eżekuzzjoni furzata transfruntaljiera [31], u mhux f'sitwazzjonijiet bħal dik in kwistjoni fil-kawża prinċipali, fejn l-eżekuzzjoni furzata issir ġewwa Stat Membru. Il-leġiżlazzjoni ċċitata ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 61(ċ) KE [32], li jistabbilixxi l-adozzjoni ta' miżuri fis-settur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja skont l-Artikolu 65 KE; dan tal-aħħar jipprovdi biss l-adozzjoni ta' miżuri fis-setturi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja li għandhom implikazzjonijiet transfruntaljieri. Madankollu, f'dan il-kawża s-sitwazzjoni hija differenti minħabba li din tirrigwarda s-soluzzjoni talkwistjoni tat-tqassim tal-kompetenza bejn il-Komunità u l-Istati Membri f'dak li jirrigwarda l-proċeduri eżekuttivi li jkun hemm fi ħdan Stat Membru.

33. Minn naħa, jeħtieġ li wieħed jifhem it-tendenza li l-Istati Membri għandhom

27 — Pożizzjoni komuni tal-Kunsill (KE) Nru 36/1999, iċċitata iktar 'il fuq, punt (v) tal-motivazzjoni,

28 — L-ewwel pass f'dan is-settur sar bil-Konvenzjoni ta' Brussell fis-27 ta' Settembru 1968, dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972 L 299, p. 32; verżjoni konsolidata fil-ĠU C 27, 26.1.1998, p. 3). Din il-konvenzjoni hija l-ewwel att ġuridiku tal-Istati Membri tal-Komunità li jirregola l-kunflitti fuq il-ġurisdizzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali. Wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam, li ttrasferixxa lill-Komunità kompetenzi ġodda fis-settur tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fl-affarijiet ċivili, il-Kunsill adotta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 12, p. 1). Dan ir-Regolament issostitwixxa l-Konvenzjoni ta' Brussell għall-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad-Danimarka. Fuq il-kompetenza tal-Komunità f'dan is-settur ara, pereżempju, B. Heß, *Die „Europäisierung" des internationalen Zivilprozessrechts durch den Amsterdamer Vertrag — Chancen und Gefahren,* Neue Juristische Wochenschrift, Nru 1/2000, p. 23.

29 — ĠU L 143, p. 15.

30 — ĠU L 399, p. 1.

31 — H.-W Micklitz. u P. Rott, *Vergemeinschaftung des EuGVÜ in der Verordnung (EG) Nr. 44/2001, Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht*, n. 1/2002, p. 15, isostnu li r-Regolament Nru 44/2001 jirregola r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materja ċivili u kummerċjali mogħtija fi Stati Membri oħrajn. A. Stadler, *From the Brussels Convention to Regulation 44/2001: Cornerstones of a European law of civil procedure,* Common Market Law Review, Nru 6/2005, p. 1637, jgħid li r-Regolament n. 44/2001 jirregola r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materja ċivili u kummerċjali bejn l-Istati Membri. V. Rijavec, *Postopek potrditve Evropskega izvršilnega naslova*, Podjetje in delo, Nru 5/2007, pag. 791, isostni li r-Regolament Nru 805/2004 li joħloq Ordni Ewropew ta' Infurzar għal krediti mhux ikkontestati jirrappresenta bidla fis-sistema tal-eżekuzzjoni mwettqa abbażi tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji barranin. B. Sujecki, *Das Europäische Mahnverfahren*, Neue Juristische Wochenschrift, Nru 23/2007, p. 1622, jenfasizza li l-proċedra stabbilita fir-Regolament Nru 1896/2006 tissimplifika u tħaffef l-irkupru transfruntaljier tal-krediti mhux ikkontestati.

32 — Minbarra l-Artikolu 61(ċ), ir-Regolament Nru 44/2001 għandu bħala bażi legali wkoll l-Artikolu 67(1) tat-Trattat KE, u fir-rigward tar-Regolament Nru 805/2004, il-bażi legali hija kkostitwita wkoll mill-Artikolu 67(5) tat-Trattat KE.

li jżommu l-kompetenza tagħhom fil-proċeduri eżekuttivi li għandhom bħala għan biss dik l-eżekuzzjoni li sseħħ ġewwa l-Istat Membru. Il-proċedura eżekuttiva hija sistema bbilanċjata, fejn il-bidla ta' element wieħed jipproduċi effetti anki fuq l-elementi l-oħra ta' din il-proċedura. Min-naħa l-oħra, kif ser naraw iktar 'il quddiem fl-evalwazzjoni, l-Istati Membri għandhom jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom f'dan is-settur fl-osservanza tad-dritt Komunitarju.

2. Interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/35

34. Kif diġà ġie osservat, l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35 jipprovdi li t-titolu eżekuttiv għall-irkupru ta' krediti mhux ikkontestati normalment jinkiseb fiż-żmien 90 jum mill-preżentazzjoni tar-rikors. Jekk tingħata interpretazzjoni strettament lingwistika, il-kompetenza tal-Komunità tinkludi l-fażi tal-kisba tat-titolu eżekuttiv filwaqt li l-fażi suċċessiva taqa taħt il-kompetenza tal-Istati Membri [33]. Madankollu, fl-opinjoni tiegħi d-Direttiva 2000/35 xorta waħda ma taqbilx mal-leġiżlazzjoni Taljana li tipprovdi s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni fil-konfront tal-awtorità pubblika għal 120 jum li jibdew jiddekorru mill-kisba tat-titolu eżekuttiv [34]. F'din il-kawża, għandu l-ewwel nett li jiġi kkunsidrat l-għan ta' din id-Direttiva u għaldaqstant l-interpretazzjoni teleoloġika tkun ta' importanza fundamentali biex tiġi solvuta d-domanda tal-qorti tar-rinviju [35]. Fil-fatt, id-Direttiva għandha tiġi interpretata b'tali mod li jiġi assigurat l-effett utli tagħha (*effet utile*) [36].

33 — Dan huwa kkonfermat ukoll fl-istudju *Review of the effectiveness of European Community legislation in combating late payments*, magħmul fis-sena 2006 għall-Kummissjoni Ewropea mill-uffiċċju legali Demolin, Brulard, Barthelemy, Hoche taħt id-direzzjoni ta' Jean Albert, li jinsab fi http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/doc/finalreport_en.pdf, p. 61, 170.

34 — Billi r-risposta għad-domanda magħmula mhijiex nieqsa għal kollox minn dubji, nistgħu niddefinixxu dan il-każ mil-lat legali teoriku bħala "każ kumpless" ("hard case") meta ipparagunat ma' "każ ċar" ("clear case"). F'dan is-sens ara H.L.A Hart, *The Concept of Law (With a Postscript edited by Penelope A. Bulloch and Joseph Raz)*, 2 Edizzjoni, Clarendon Press, Oxford 1994, p. 307, li jgħid li f'dawn is-sitwazzjonijiet il-qrati jiddeċiedu bid-diskrezzjoni, li abbażi tagħha joħolqu d-dritt. B'mod differenti R Dworkin, *Hard Cases*, Harvard Law Review, sena 88, 1975, p. 1075. Cfr. ukoll R. Alexy, *A Theory of Legal Argumentation. The Theory of Rational Discourse as Theory of Legal Justification*, Clarendon Press, Oxford 1989, p. 8, li jirrendi relattiv anki l-kunċett ta' "eżempju ċar", billi ċ-ċarezza tiegħu hija apparenti biss fir-rigward tal-fatt li huwa dejjem possibbli li ssib argumenti kuntrarji għad-deċiżjoni tal-każ in kwistjoni.

35 — Ara, pereżempju, il-Konklużjonijiet tal-Avuklat Ġenerali Maduro tat-18 ta' Lulju 2007 fil-kawża L-Iżvezja vs Il-Kummissjoni (C-64/05 P, Ġabra p. I-11389, punt 26), fejn l-interpretazzjoni teleoloġika u sistematika pprevalew fuq dik letterali, li ma pprovdietx soluzzjoni ċara. Ara wkoll P. Delnoy, *Elements de méthodologie juridique*, 2 Edizzjoni, Larcier, Brussell 2006, p. 93, li jgħid li anki t-test ċar għandu jiġi interpretat, u għalhekk nistgħu nikkonkludu li l-interpretazzjoni letterali waħedha biex it-test ikun jista' jinftiehem eżatt mhijiex biżżejjed. M. Pechstein, u C. Drechsler, f'K.Reisenhuber, (edituri), *Europäische Methodenlehre. Handbuch für Ausbildung und Praxis,* De Gruyter Recht, Berlin 2006, p. 171, isostnu li l-Qorti tal-Ġustizzja spiss tuża l-interpretazzjoni teleoloġika l-iktar biex tiżgura t-twettiq tal-għanijiet tad-dritt Komunitarju. Bl-istess mod K. Reisenhuber, u K. Reisenhuber, (editur), *Europäische Methodenlehre. Handbuch für Ausbildung und Praxis*, De Gruyter Recht, Berlin 2006, p. 261, jgħid li għall-finijiet tad-dritt Komunitarju l-interpretazzjoni teleoloġika hija ta' importanza fundamentali. Cfr. b'riferiment għall-interpretazzjoni tad-direttivi wkoll M. Schmidt-Kessel, fi K. Reisenhuber (editur), *Europäische Methodenlehre. Handbuch für Ausbildung und Praxis,* De Gruyter Recht, Berlin 2006, p. 404, 405.

36 — Fir-rigward tal-kwistjoni tal-*effet utile* bħala kriterju ta' interpretazzjoni ara, fid-dutrina, M. Pechstein, C. Drechsler, f'K. Reisenhuber, (editur), *Europäische Methodenlehre. Handbuch für Ausbildung und Praxis*, De Gruyter Recht, Berlin 2006, p. 172; T. Oppermann, *Europarecht*, 3 Edizzjoni, Beck, München 2005, p. 160, punti 69 u 70.

35. L-iskop tad-Direttiva 2000/35 huwa li jiġi evitat dewmien fil-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali biex jiġu eliminati l-ostakoli għat-tħaddim tajjeb tas-suq intern li jirriżultaw proprju minħabba dan id-dewmien [37]. F'dan il-kuntest, il-ħames premessa tad-Direttiva 2000/35 tipprovdi li d-dewmien fil-ħlas jirrappreżenta ostakolu serju li dejjem qiegħed jikber għas-suċċess tas-suq wieħed. Anki fid-disa' u fl-għaxar premessa huwa enfasizzat li minħabba d-differenżi bejn il-leġiżlazzjoni dwar il-ħlas u l-prattiċi segwiti fl-Istati Membri, it-tranżazzjonijiet kummerċjali huma limitati ħafna [38]. Fost l-istrumenti xierqa biex jevitaw id-dewmien fil-ħlasijiet hemm ukoll it-terminu ta' 90 jum għall-kisba tat-titolu eżekuttiv għall-irkupru tal-krediti mhux kkontestati previst fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35.

36. B'mod partikolari, l-għan tad-Direttiva 2000/35 huwa dak li tipproteġi lill-impriżi żgħar u ta' daqs medju kontra dewmien fil-ħlasijiet. F'dan is-sens, is-seba' premessa tad-Direttiva 2000/35 jindika li l-ħlas tardiv jimponi "[p]iżijiet tqal amministrattivi u finanzjarji […] fuq in-negozji, b'mod partikolari dawk żgħar u ta' daqs medju" u li dan jikkostitwixxi "l-kawża prinċipali għall-fallimenti". Dawn l-impriżi, li għandhom rwol kruċjali fit-tkabbir ekonomiku tal-

37 — Fid-duttrina ara, pereżempju, A. Hänlein, *Die Richtlinie 2000/35/EG zur Bekämpfung von Zahlungsverzug im Geschäftsverkehr und ihre Umsetzung in Deutschland*, Europäische Zeitschrift für Wirtschaftsrecht, Nru 22/2000, p. 680; R. Schulte-Braucks, *Zahlungsverzug in der Europäischen Union*, Neue Juristische Wochenschrift, Nru 2/2001, p. 104; R. Schulte-Braucks, S. Ongena, *The Late Payment Directive — a Step towards an emerging European Private Law?*, European Review of Private Law, Nru 4/2003, p. 524; J.M. Milo, *Combating Late Payment in Business Transactions: How a New European Directive Has Failed to Set a Substantial Minimum Standard Regarding National Provisions on Retention of Title*, European Review of Private Law, Nru 3/2003, p. 380. B'riferiment għall-kriterji tad-Direttiva 2000/35 ara wkoll V. Pandolfini, *La nuova normativa sui ritardi di pagamento nelle transazioni commerziali. Commento al D.Lgs. 9 ta' Ottubru 2002*, Nru. 231 Implementazzjoni tad-Direttiva 2000/35/KE dwar il-ġlieda kontra ħlas tardiv fit-tranżazzjonijiet kummerċjali Giuffrè Editore, Milan 2003, paġni 1-3.

38 — Biex jintlaħaq dan l-għan id-Direttiva ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 95 KE, li jista' jservi bħala bażi legali għal dispożizzjoni Komunitarja biss meta l-iskop tiegħu jkun li jikkontribwixxi b'mod effettiv għat-twaqqif u t-titjib tal-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tas-suq intern u għat-tneħħija tal-ostakoli għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija jew għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi jew għat-tneħħija tad-distorsjoni tal-kompetizzjoni. Abbażi ta' dan l-artikolu mhux possibbli li jiġu adottati regoli li għandhom effett marġinali biss fuq it-titjib tal-kundizzjonijiet meħtieġa għat-tħaddim tas-suq intern. Ara f'dan is-sens is-sentenzi tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco, C-491/01, Ġabra p. I-11453, punti 59 u 60; tas-6 ta' Diċembru 2005, Ir-Renju Unit vs Il-Parlament u l-Kunsill, C-66/04, Ġabra p. I-10553, punti 59 u 64 u tat-12 ta' Diċembru 2006, Il-Ġermanja vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-380/03, Ġabra p. I-11573, punt 37. Ara anki l-konklużjonijiet tiegħi tal-15 ta' Novembru 2007, Quelle (C-404/06, Ġabra p. I-2685, punt 54). Fid-duttrina ara, pereżempju, W. Kahl, f'C. Calliess, M. Ruffert, (editur), EUV/EGV. *Das Verfassungsrecht der Europäischen Union mit Europäischer Grundrechtecharta*. Kommentar, 3 Edizzjoni, Beck, Monaco ta' Baviera 2007, kumment fuq l-Artikolu 95, p. 1262; J. Pipkorn, A. Bardenhewer-Rating, H. Taschner, f'H. von der Groeben,, J. Schwarze, (editur), *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft*, 6 Edizzjoni, Nomos, Baden-Baden 2003, 2 volum, kumment fuq l-Artikolu 95, p. 1405, punt 7.

Komunità [39], huma dawk l-iktar milqutin minn ħlas tardiv minħabba li, f'każijiet bħal dawn, m'għandhomx il-mezzi suffiċjenti sabiex jiffinanzjaw lilhom infushom fit-tul. L-impriżi żgħar u medji huma ffinanzjati prinċipalment bi krediti għal żmien qasir, u għalhekk ħafna drabi ma jkunux jistgħu jirreżistu għall-pressjoni tad-dewmien fil-ħlasijiet u konsegwentement ta' spiss ikun imġiegħla jiddikjaraw falliment [40].

37. L-iskop tad-Direttiva 2000/35 huwa dak li jiġi evitat dewmien fil-ħlasijiet fit-tranżazzjonijiet kummerċjali kollha, anki f'dawk fejn id-debituri huma korpi tal-awtoritajiet pubbliċi. Dan ifisser li l-iskop tagħha huwa li jiġi evitat anki d-dewmien fil-ħlasijiet fil-kuntest tal-kuntratti pubbliċi, hekk kif jirriżulta mir-raba premessa ta' din id-Direttiva [41]. F'dan il-kuntest id-Direttiva tuża l-kunċett ta' "awtorità pubblika" u tfissru b'mod wiesa'; fl-Artikolu 2(1) hija tidentifika bħala "awtorità pubblika" "kull awtorità jew entita li tikkuntratta, kif definita bid-Direttivi ta' Ksib Pubbliku" [42]. Mill-istudju tal-Kummissjoni fuq l-effikaċja tar-leġiżlazzjoni Komunitarja f'dak li jirrigwarda dewmien fil-ħlasijiet [43] jirriżulta li huma proprju l-gvernijiet ta' diversi Stati Membri li huma l-aġħar biex iħallsu [44]. Għaldaqstant, il-puntwalità tal-ħlasijiet magħmulin mill-awtoritajiet pubbliċi hija ta' importanza kruċjali għall-funzjonament regolari tas-sistema ta' kuntratti pubbliċi u konsegwentement għall-funzjonament tas-suq komuni.

38. Il-leġiżlazzjoni Taljana kkontestata tipprovdi li kreditur li għandu titolu eżekuttiv maħruġ fil-konfront ta' korpi tal-awtorità pubblika, miksub validament skont id-Direttiva 2000/35 fi żmien 90 jum, ma jistax jgħaddi għall-eżekuzzjoni furzata qabel it-terminu ta' 120 jum li jibdew jiddekorru minn meta dan it-titolu eżekuttiv jiġi nnotifikat lill-korpi tal-awtorità pubblika. Skont din id-dispożizzjoni, f'dan iż-żmien jistgħu jsiru l-proċeduri neċessarji għall-eżekuzzjoni furzata filwaqt li l-eżekuzzjoni stess ma tistax tinbeda. Fil-prattika, din id-dispożizzjoni tipproduċi l-istess effetti fejn jiġi stabbilit li l-kreditur jikseb it-titolu eżekuttiv fi żmien 210 jum mill-preżentazzjoni tar-rikors jew

39 — Dan ġie enfasizzat, pereżempju, fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Brussell fit-23 u l-24 ta' Marzu 2006, 7775/1/06 REV 1, p. 8, punt 28, aċċessibbli fuq http://www.consilium.europa.eu/ueDocs/cms_Data/docs/pressData/en/ec/89013.pdf.

40 — L-istudju *Review of the effectiveness of European Community legislation in combating late payments*, imħejji fl-2006 għall-Kummissjoni Ewropea mill-uffiċċju legali Demolin, Brulard, Barthelemy, Hoche taħt it-tmexxija ta' Jean Albert, aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/doc/finalreport_en.pdf, pag. 20.

41 — F'dan ir-rigward, ir-raba' premessa tad-Direttiva 2000/35 tirriferi għall-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali dwar il-"Karta l-Ħadra tal-Kummissjoni dwar Akkwist Pubbliku fl-Unjoni Ewropea: Nesploraw it-triq għal quddiem" (ĠU 1997 C 287, p. 92), fejn il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali jindika fost l-oħrajn il-problema tad-dewmien fil-ħlas fil-proċeduri ta' kuntratti pubbliċi.

42 — Direttiva tal-Kunsill 92/50/KEE, tat-18 ta' Ġunju 1992, relatata mal-koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti tas-servizz pubbliku (ĠU L 209, p. 1); Direttiva tal-Kunsill 93/36/KEE, tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' provvista (ĠU L 199, p. 1); Direttiva tal-Kunsill 93/37/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri għall-għoti ta' kuntratti pubbliċi ta' xogħlijiet pubbliċi (ĠU L 199, p. 54) u Direttiva tal-Kunsill 93/38/KEE tal-14 ta' Ġunju 1993, li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwist pubbliku għal entitajiet li joperaw fis-setturi tal-ilma, tal-enerġija, tat-trasport u tat-telekomunikazzjoni (ĠU L 199, p. 84).

43 — L-istudju *Review of the effectiveness of European Community legislation in combating late payments*, imħejji fl-2006 għall-Kummissjoni Ewropea mill-uffiċċju legali Demolin, Brulard, Barthelemy, Hoche taħt it-tmexxija ta' Jean Albert, aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/doc/finalreport_en.pdf.

44 — L-istudju *Review of the effectiveness of European Community legislation in combating late payments*, imħejji fl-2006 għall-Kummissjoni Ewropea mill-uffiċċju legali Demolin, Brulard, Barthelemy, Hoche taħt it-tmexxija ta' Jean Albert, aċċessibbli fuq http://ec.europa.eu/enterprise/regulation/late_payments/doc/finalreport_en.pdf, p. 208.

mit-talba lit-tribunal jew korp ieħor kompetenti. Konsegwentement, it-terminu qasir ta' 90 jum għall-kisba tat-titolu eżekuttiv, stabbilit fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35 jitlef is-sinjifikat tiegħu.

39. F'dan is-sens għandha tiġi interpretata anki l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 2000/35 li tipprovdi, fost l-oħrajn, li din id-Direttiva ma tirregolax il-kondizzjonijiet li taħthom tista' titwaqqaf jew tiġi sospiza l-eżekuzzjoni furzata ta' dak it-titolu. Il-Gvern Taljan isostni li l-possibbiltà ta' posponiment tal-eżekuzzjoni kontra l-awtorità pubblika tidħol fil-kuntest tas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni skont il-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 2000/35. Dan l-argument ma jistax jiġi aċċettat. L-istess bħall-interpretazzjoni mogħtija lill-Artikolu 5(1) jista' jingħad li, anki f'dak li jirrigwarda l-ħmistax-il premessa tad-Direttiva 2000/35, l-Istati Membri huma liberi li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għat-twaqqif jew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni, madankollu dawn il-kundizzjonijiet ma jistgħux jiġu stabbiliti b'tali mod li jxejnu l-effikaċja d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva. Din l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2000/35 ma bl-ebda mod ma taffetwa l-kompetenza ġenerali li l-Istati Membri għandhom sabiex jistabbilixxu fil-leġiżlazzjoni nazzjonali l-kundizzjonijiet għat-twaqqif jew għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni.

40. L-Artkolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35 jagħmel parti minn dawk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li jirreferu għal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Minn dan il-lat jista' jiġi pparagunat ma' l-Artikolu 4(1) tal-istess Direttiva, li jirreferi għar-ritenzjoni ta' titolu u li kien is-suġġett tal-kwistjoni ttrattata mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja [45]. F'dik il-kawża li kellha bħala suġġett il-kwistjoni ta' jekk il-klawżola ta' ritenzjoni ta' titolu kellhiex tiġi kkonfermata fil-fatturi individwali tal-provvisti suċċessivi li kellhom data ċerta, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-soluzzjoni tal-kwistjoni kellha tinsab fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Fid-dawl ta' dan jista' jiġi kkunsidrat li anke s-soluzzjoni għal kwistjoni fil-kawża preżenti għandha tinsab fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali. Madankollu, il-kwistjonijiet li għandhom jiġu solvuti fiż-żewġ kawżi huma differenti sewwa minn xulxin. Il-leġiżlazzjoni Taljana fil-fl-imsemmija kawża Il-Kummissjoni vs L-Italja kienet tirregola biss l-effikaċja tal-kawżola tar-ritenzjoni ta' titolu; għaldaqstant hija kienet tistabbilixxi waħda mill-karatteristiċi ta' dik il-klawżola. Min-naħa l-oħra, fil-kawża preżenti l-leġiżlazzjoni Taljana ma tistabbilixxix il-karatteristiċi meħtieġa għall-kisba tat-titolu eżekuttiv, imma jħassru t-terminu qasir għall-kisba tiegħu.

41. Il-leġiżlazzjoni Taljana tmur ukoll kontra l-iskop tad-Direttiva 2000/35 minħabba li tiffavorixxi l-korpi tal-awtorità pubblika fuq l-impriżi. B'dan il-mod hija minn naħa tagħmilha impossibbli li jkun hemm protezzjoni effikaċi, l-iktar tal-impriżi żgħar u ta' daqs medju u, min-naħa l-oħra, ma tippermettix il-ħlas fil-ħin fil-kuntest tal-kuntratti pubbliċi. Il-Gvern Taljan isostni

45 — Sentenza iċċitata iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il paġna 16.

li t-trattament ipprivileġjat irriżervat għall-korpi tal-awtorità pubblika huwa ġġustifikat minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, għaliex bil-posponiment tal-eżekuzzjoni jiġi żgurat l-eżerċizzju regolari tal-awtortà pubblika. Dan l-argument ma jistax jiġġustifika l-leġiżlazzjoni Taljana kkontestata. Meta ġie mtawwal it-terminu ta' ħlas, il-korpi tal-awtorità pubblika fil-verità jżommu mislufin għandhom il-flus tal-kredturi tagħhom, flus li dawn tal-aħħar kellhom diġà jirċevu sa mill-iskadenza tat-terminu tal-ħlas. Il-krediturі, jiġifieri l-impriżi li tagħhom huma debituri l-korpi tal-awtoritajiet pubbliċi, jistgħu jinvokaw anke l-fatt li minħabba d-dewmien ma jistgħux jaħdmu regolarment u ma jistgħux ikollhom garanziji fuq il-likwidità fl-eżerċizzju tagħhom. Il-ħlas fil-ħin għal dawn l-impriżi huwa ta' importanza enormi għaliex fil-każ ta' insolvenza huma huma li jkunu suġġetti għattheddida tal-falliment, ħaġa li l-korpi ta' awtoritajiet pubbliċi ma jkollhomx. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-Istati Membri, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2000/35, jistgħu jħallu fis-seħħ jew jadottaw leġiżlazzjoni iktar favorevoli għall-kreditur; *a contrario sensu* jista' jingħad li ma taqbilx mad-Direttiva l-adozzjoni, min-naħa tal-Istat Membru, ta' dispożizzjonijiet iktar favorevoli għad-debitur.

42. Għandu jiġi kkunsidrat li l-Istati Membri diġà qabel l-iskadenza tat-terminu għattraspożizzjoni tad-Direttiva ma setgħux jadottaw dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-iskop tad-Direttiva [46]. F'dan ir-rigward nixtieq nindika li l-Italja emendat it-terminu għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni billi żiditu mis-60 jum oriġinali għal 120 jum ta' bħalissa fit-23 ta' Diċembru 2000, jiġifieri sitt xhur wara li nħarġet id-Direttiva 2000/35 [47] u fit-terminu preskritt sabiex din tiġi trasposta li kien stabbilit għat-8 ta' Awwissu 2002 [48]. L-aġir tal-Italja jista' għalhekk jiġi ddefinit bħala mezz kif jiġi evitat l-iskop tad-Direttiva, u għalhekk aġir *in fraudem legis agere* [49] . Skont l-Artikolu 249(3) KE, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Direttiva l-Istati Membri huma liberi fir-rigward tal-għażla tal-forom u tal-metodi meħtieġa biex tiġi implementata, filwaqt li jibqgħu marbutin f'dak li jirrigwarda r-riżultat li jrid jinkiseb. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-Istati Membri huma marbutin li jittrasponu d-Direttiva b'mod li jiġi ggarantit l-effett utli tagħha (*effet utile*) [50] u li fl-att

46 — Sentenzi tat-18 ta' Diċembru 1997, Inter-Environnement Wallonie, C-129/96, Ġabra p. I-7411, punt 45; tat-8 ta' Mejju 2003, ATRAL, C-14/02, Ġabra p. I-4431, punt 58; tal-10 ta' Novembru 2005, Stichting Zuid-Hollandse Milieufederatie, C-316/04, Ġabra p. I-9759, punt 42. Fidduttrina ara K. Lenaerts, P. Van Nuffel, Constitutional Law of the European Union, 2 Edizzjoni, Sweet & Maxwell, Londra 2005, p. 768.

47 — Id-Direttiva 2000/35 ġiet emendata fid-29 ta' Ġunju 2000.

48 — Artikolu 6(1), Direttiva 2000/35.

49 — Skont Paulus, Diġest 1, 3, 29. J. Kranjc, *Latinski pravni reki*, Cankarjeva založba, Lubiana 1998, p. 116. Kranjc jiċċita lil Paulus li jenfasiza kif id-differenza bejn il-ksur u li tiġi evitata l-liġi qiegħda fil-fatt li fil-ksur hemm aġir kontra l-liġi, filwaqt li meta tiġi evitata, l-aġir huwa, fid-dehra, konformi mal-liġi imma fil-fatt ir-regola tkun qed tiġi eluża.

50 — Il-ġurisprudenza dwar l-effett utili *(effet utile)* tad-direttivi hija wiesgħa. F'dan ir-rigward ara, pereżempju, is-sentenzi tat-12 ta' Settembru 1996, Gallotti *et*, C-58/95, C-75/95, C-112/95, C-119/95, C-123/95, C-135/95, C-140/95, C-141/95, C-154/95 u C-157/95 Ġabra p. I-4345, punt 14; tal-14 ta' Lulju 2005 Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-386/03, Ġabra p. I-6947, punt 28; tal-4 ta' Lulju 2006, Adeneler *et*, C-212/04, Ġabra p. I-6057, punt 93; tat-13 ta' Diċembru 2007, United Pan-Europe Communications Belgium, C-250/06, Ġabra p. I-11135, punt 45; tat-18 ta' Diċembru 2007, Laval un Partneri, C-341/05, Ġabra p. I-11767, punt 80.

tat-traspożizzjoni jiġi ggarantit ir-rispett tal-għanijiet stabbiliti mid-Direttiva [51].

43. Għalkemm mill-interpretazzjoni letterali tal-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/35 wieħed jasal għall-konklużjoni li l-fażi suċċessiva għall-kisba tat-titolu eżekuttiv ma tidħolx fil-qasam tal-kompetenzi tal-Komunità, l-Istati Membri ma jistgħux jeżerċitaw il-kompetenzi tagħhom b'tali mod li jmur kontra l-iskop tar-leġiżlazzjoni Komunitarja fis-seħħ. Il-qsim tal-kompetenzi bejn il-Komunità u l-Istati Membri fil-fatt ma jfissirx li dawn, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom, jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet li jmorru kontra l-iskop tad-Direttiva. Skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 10 l-Istati Membri għandhom "jieħdu l-miżuri xierqa ġenerali jew speċjali biex jiżguraw it-twettiq tal-obbligi li jirrizultaw minn dan it-Trattat jew mid-deċiżjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Komunità". Bl-istess mod l-Istati Membri, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 KE, "m'għandhom jieħdu ebda miżura li tkun tista' tipperikola r-realizzazzjoni tal-għanjiet ta' dan it-Trattat". Obbligu simili li abbażi tiegħu l-Istati Membri huma obbligati jirrispettaw id-dritt Komunitarju anki fl-oqsma fil-kompetenza tagħhom jinstab, pereżempju, fil-qasam tat-taxxi diretti [52], tas-sistemi tas-sigurtà soċjali [53] u tat-tagħlim [54].

44. Biex nikkonkludi, għandi nenfasizza li d-Direttiva 2000/35 ma tipprekludix l-leġiżlazzjoni Taljana kkontestata fil-kumpless tagħha, iżda biss fuq il-livell *ratione materiae* ta' din id-Direttiva, jiġifieri fil-każ ta' kreditu mhux ikkontestat f'tranżazzjoni kummerċjali. Id-Direttiva 2000/35 ma tirri-

51 — F'dan is-sens, b'riferiment għad-Direttiva 2000/35, Conti josserva li l-att ta' traspożizzjoni tagħha huwa meħtieġ biex jiggarantixxi b'mod effikaċi il-*voluntas legis* tagħha. Ara R. Conti, *La direttiva 2000/35/CE sui ritardati pagamenti e la legge comunitaria 2001 di delega al Governo per la sua attuazione*, Corriere giuridico, Nru 6/2002, p. 815. Fuq l-*effet utile* ara wkoll F. Baron u oħrajn, Union Européenne 2006-2007. *Memento pratique Francis Lefebvre*, Éditions Francis Lefebvre, Levallois 2005, p. 19, punt 85; K. Lenaerts, P. Van Nuffel, *Constitutional Law of the European Union*, 2 Edizzjoni, Sweet & Maxwell, Londra 2005, p. 531. Għall-Istati Membri li jilħqu l-oġġettivi tar-regola Komunitarja huwa obbligu ta' riżultat. Ara G. Schmidt, u H. von der Groeben, J. Schwarze, (editur), *Kommentar zum Vertrag über die Europäische Union und zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft*, 6 Edizzjoni, Nomos, Baden-Baden 2003, 4 volum, kumment għall-Artikolu 249, p. 786, punt 38.

52 — Il-qasam tat-taxxi diretti bħala tali ma jidħolx fil-kompetenza tal-Komunità, għalkemm l-Istati Membri huma madankollu marbutin li jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom skont id-dritt Komunitarju. Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1995, Schumacker, C-279/93, Ġabra p. I-225, punt 21; tal-21 ta' Novembru 2002, X u Y, C-436/00, Ġabra p. I-10829, punt 32 u tal-11 ta' Marzu 2004, Lasteyrie du Saillant, C-9/02, Ġabra p. I-2409, punt 44.

53 — Fis-sentenza tas-16 ta' Mejju 2006 Watts (C-372/04 Ġabra p. I-4325, punt 92) il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li, "Għalkemm mhuwiex ikkontestat li d-dritt Komunitarju ma jippreġudikax il-kompetenza ta' l-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' sigurtà soċjali tagħhom u li, fin-nuqqas ta' armonizazzjoni fuq livell Komunitarju, hija l-leġiżlazzjoni ta' kull Stat Membru li għandha tiddetermina l-kundizzjonijiet ta' l-ħruġ ta' servizzi fil-qasam tas-sigurtà soċjali, xorta jibqa' l-fatt li, fl-eżerċizzju ta' din il-kompetenza, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw id-dritt Komunitarju, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet relatati mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi". Ara wkoll is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Smits u Peerbooms, C-157/99, Ġabra p. I-5473, punt 46, u tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet, C-385/99, Ġabra p. I-4509, punt 17.

54 — F'dan ir-rigward il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li għalkemm huwa minnu li l-Istati Membri huma kompetenti biex jiddefinixxu l-kontenut tat-tagħlim u l-organizzazzjoni tas-sistema ta' taħriġ, madankollu fl-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandu jirrispetta d-dritt Komunitarju. Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-11 ta' Settembru 2007, Schwarz u Gootjes-Schwarz, C-76/05, Ġabra p. I-6849, punt 70, u tat-23 ta' Ottubru 2007, Morgan u Bucher, C-11/06 u C-12/06, Ġabra p. I-9161, punt 24.

ferixxix għal kategoriji oħrajn ta' krediti u għalhekk hija ma jista' jkollha, fir-rigward tagħhom, l-ebda effett fuq il-leġiżlazzjoni Taljana. Madankollu, il-kunsiderazzjoni li d-Direttiva 2000/35 tipprekludi l-leġiżlazzjoni kkontestati fil-kawża prinċipali, ma tagħtix lill-Komunità kompetenza ġenerali biex tirregola l-proċeduri ta' eżekuzzjoni furzata li ma jkollhomx elementi transfruntaljieti.

VII — Konklużjoni

45. Abbażi ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tiddikjara li d-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard [ħlas tardiv] fi tranżazzjonijiet kummerċjali, għandha tiġi interpretata fis-sens li hija tipprekludi dispożizzjoni nazzjonali bħall-Artikolu 14 tad-Digriet Liġi Nru 669/1996, tal-31 ta' Diċembru 1996, li bis-saħħa tagħha l-kreditur, li jkollu titolu eżekuttiv dwar ħlas mhux ikkontestat dovut minn awtorità pubblika bħala remunerazzjoni ta' tranżazzjoni kummerċjali, ma jkunx jista' jwettaq eżekuzzjoni furzata fil-konfront tal-awtorità msemmija qabel l-iskadenza ta' terminu ta' 120 jum li jibda jidekorri min-notifika tal-imsemmi titolu eżekuttiv lil dik l-awtorità.